MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 92/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Dr Martin Fenech LL.D. mahtur b'digriet tal-10 ta' Novembru 2009 bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lil assenti Suzanne Portelli (I.D. 36977M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandux fil-kwalita tieghu permessa, jigi kkundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, tmien mija u sebgha u ghoxrin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€7,827.65) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' Suzanne Portelli mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok 'A1 sa A4') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-2 ta' Frar 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema *loan* gie moghti lill-

Suzanne Portelli permezz ta' skrittura private datata fit-18 ta' Jannar 2002 (Dok B).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fir-rikors indikat u cioe Dok 'B' partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Suzanne Portelli (a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulati fl-imsemmi skrittura, u (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minna assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u 'jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura ta' imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuta iddekadiet mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fit-13 ta' Mejju 2009 (Dok C) u li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 16 al-istess atti.

Rat ir-rikors tal-konvenut nomine (fol 19 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti.

Rat ukoll id-dokument anness mal-istess atti a fol 20.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fis-seduta tallum stess, giet prodotta mis-socjeta' attrici, <u>l-Avukat Dottor Lilian Cremona</u>, li kkonfermat taht gurament illi l-ammont kollu mitlub fir-rikors in esami, ghadu, kollu kemm hu dovut sallum.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €7827.65 bl-imghax ulterjuri mit-tnejn

(2) ta’ Frar 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta’ din il-procedura inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Mejju 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------